DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/478

tas-16 ta' Marzu 2017

li tirrilaxxa lil ċerti Stati Membri mill-obbligu li japplikaw għal ċerti speċijiet id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 1999/105/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE dwar il-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa ta' pjanti tal-għalf, taż-żerriegħa taċ-ċereali, tal-materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja, tal-materjal riproduttiv tal-foresti, taż-żerriegħa tal-pitravi, taż-żerriegħa tal-ħxejjex, u taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra rispettivament, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/680/UE

(notifikata bid-dokument C(2017) 1662)

(It-testi fl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Germaniż, Grieg, Ingliż, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Slovakk, Sloven, Spanjol, Ungeriż u Żvediż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież [taċ-ċereali] ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti ([4]), u partikolarment l-Artikolu 20 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tal-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq taż-żerriegħa tal-pitravi ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30A tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([6]), u b'mod partikolari l-Artikolu 49 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ([7]), u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talbiet ippreżentati mill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda, Spanja, Franza, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit,

Billi:

(1) Id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 1999/105/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE jistabbilixxu ċerti dispożizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf, żerriegħa taċ-ċereali, materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja, materjali riproduttivi tal-foresti, żerriegħa tal-pitravi, żrieragħ tal-ħxejjex, u żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra rispettivament. Dawk id-Direttivi jistipulaw wkoll li, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jiġu rrilaxxati kompletament jew parzjalment mill-obbligu li japplikaw dawk id-Direttivi fir-rigward ta' ċerti speċijiet jew materjali.

([1]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.
([2]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.
([3]) ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15.
([4]) ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17.
([5]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12.
([6]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.
([7]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

(2) Iż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet mhijiex riprodotta normalment jew kkummerċjalizzata fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-kultivazzjoni tad-dwieli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċertu materjal ta' propagazzjoni huma ta' importanza ekonomika minima f'għadd ta' Stati Membri. Ċerti speċijiet tas-siġar ukoll mhumiex importanti għall-iskopijiet ta' foresterija f'ċerti Stati Membri.

(3) Abbażi tal-applikazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tal-Kumissjoni 2010/680/UE [1] biex tirrilaxxa dawk l-Istati Membri kompletament jew parzjalment mill-obbligu li japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 1999/105/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE, għall-ispeċijiet u l-materjal inkwistjoni.

(4) L-Ungerija, li ma kinitx destinatarja tad-Deċiżjoni 2010/680/UE, u l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, is-Slovenja u r-Renju Unit, li kienu destinatarji ta' dik id-Deċiżjoni, ssottomettew applikazzjonijiet aġġornati lill-Kummissjoni, u talbu r-rilaxx għal speċijiet ġodda. Franza talbet għat-tħassir tar-rilaxxi kollha li kienu ngħatawlha, filwaqt li Ċipru, il-Latvja u n-Netherlands talbu għat-tħassir tar-rilaxxi li kienu ngħatawlhom għal ċerti speċijiet biss.

(5) Għalhekk hemm bżonn li jiġi aġġornat ir-rilaxx mogħti u, fejn mitlub, jiġi rtirat.

(6) Barra minn hekk, fl-interess tat-trasparenza u tas-simplifikazzjoni, id-Deċiżjoni 2010/680/UE għandha titħassar u tiġu sostitwita b'Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ġdida.

(7) Sabiex il-korpi uffiċjali responsabbli u l-operaturi professjonali jkollhom żmien biex jadattaw għad-dispożizzjonijiet ġodda, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Kull Stat Membru msemmi fil-Parti I tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-Direttiva 66/401/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14(1), għall-ispeċijiet elenkati f'dik il-Parti tal-Anness u hemmhekk identifikati, fir-rigward ta' dak l-Istat Membru, bl-indikazzjoni "X".

2. Kull Stat Membru msemmi fil-Parti II tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-Direttiva 66/402/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14(1), għall-ispeċijiet elenkati f'dik il-Parti tal-Anness u hemmhekk identifikati, fir-rigward ta' dak l-Istat Membru, bl-indikazzjoni "X".

Fil-każ tal-Latvja, ir-rilaxx minn dan l-obbligu fir-rigward ta' Zea mays japplika wkoll bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 19(1) ta' dik id-Direttiva.

3. Kull Stat Membru msemmi fil-Parti III tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-Direttiva 68/193/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 12 u 12a, għall-ġenus elenkat fl-ewwel kolonna tat-tabella.

4. Kull Stat Membru msemmi fil-Parti IV tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-Direttiva 1999/105/KE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 17(1), għall-ispeċijiet elenkati f'dik il-Parti tal-Anness u hemmhekk identifikati, fir-rigward ta' dak l-Istat Membru, bl-indikazzjoni "X".

5. Kull Stat Membru msemmi fil-Parti V tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-Direttiva 2002/54/KE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 20, għall-ispeċijiet elenkati f'dik il-Parti tal-Anness u hemmhekk identifikati, fir-rigward ta' dak l-Istat Membru, bl-indikazzjoni "X".

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/680/UE tad-9 ta' Novembru 2010 li teħles lill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit mill-obbligu li japplikaw fuq ċerti speċi d-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 1999/105/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' żrieragħ tax-xtieli għall-għalf, żrieragħ taċ-ċereali, materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dwieli, materjal riproduttiv tal-foresti, żerriegħa tal-pitravi, żrieragħ tal-ħxejjex u żrieragħ ta' xtieli taż-żejt u l-fibra rispettivament (ĠU L 292, 10.11.2010, p. 57).

6. Kull Stat Membru msemmi fil-Parti VI tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-Direttiva 2002/55/KE, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 16(1) u 34(1), għall-ispeċijiet elenkati f'dik il-Parti tal-Anness u hemmhekk identifikati, fir-rigward ta' dak l-Istat Membru, bl-indikazzjoni "X".

7. Kull Stat Membru msemmi fil-Parti VII tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-Direttiva 2002/57/KE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 17, għall-ispeċijiet elenkati f'dik il-Parti tal-Anness u hemmhekk identifikati, fir-rigward ta' dak l-Istat Membru, bl-indikazzjoni "X".

Fil-każ ta' Malta, ir-rilaxx minn dan l-obbligu fir-rigward tal-ġirasol japplika wkoll bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9(1) ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2010/680/UE għandha tiġi rrevokata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

IL-PARTI I

Id-Direttiva 66/401/KEE

	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	ES	LV	LT	HU	MT	PL	SI	SK	UK
Agrostis canina								X							
Alopecurus pratensis						X					X				X
Arrhenatherum elatius						X					X				
Biserrula pelecinus	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Bromus catharticus				X			X	X	X		X				
Bromus sitchensis				X			X	X	X		X	X			
Cynodon dactylon		X		X				X	X			X			X
Dactylis glomerata											X				
Festuca arundinacea											X				
x Festulolium											X				
Lathyrus cicera	X	X		X	X	X		X	X				X		X
Lolium x boucheanum											X				
Medicago doliata	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Medicago italica	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Medicago littoralis	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Medicago murex	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Medicago polymorpha	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Medicago rugosa	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Medicago scutellata	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Medicago truncatula	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Ornithopus compressus	X	X		X	X	X		X	X				X		X
Ornithopus sativus	X	X		X	X	X		X	X				X		X
Phalaris aquatica			X	X				X	X		X	X			X
Phleum nodosum											X				
Phleum pratense											X				
Plantago lanceolata	X	X		X	X	X		X	X				X		X
Poa annua				X							X	X			
Poa nemoralis								X			X				

	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	ES	LV	LT	HU	MT	PL	SI	SK	UK
Poa palustris											X				X
Poa trivialis											X				
Trisetum flavescens						X		X			X	X			X
Galega orientalis	X													X	X
Hedysarum coronarium		X		X		X		X	X	X		X			X
Lotus corniculatus						X					X				
Lupinus albus						X					X				
Lupinus angustifolius						X					X				
Lupinus luteus						X					X				
Medicago lupulina						X		X			X				
Medicago x varia											X				
Onobrychis viciifolia						X					X				
Trifolium alexandrinum						X		X				X			X
Trifolium fragiferum	X	X		X	X	X		X	X				X		X
Trifolium glanduliferum	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Trifolium hirtum	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Trifolium hybridum											X				
Trifolium incarnatum						X		X			X				X
Trifolium isthmocarpum	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Trifolium michelianum	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Trifolium repens											X				
Trifolium resupinatum						X		X			X				X
Trifolium squarrosum	X	X		X	X	X		X	X				X		X
Trifolium subterraneum	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Trifolium vesiculosum	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Trigonella foenum-graecum				X		X		X	X		X	X			X
Vicia benghalensis	X	X		X	X	X		X	X	X			X		X
Vicia pannonica						X		X			X	X			
Vicia villosa						X					X				
Brassica napus											X				
Phacelia tanacetifolia							X				X				X
Raphanus sativus											X				

IL-PARTI II

Id-Direttiva 66/402/KEE

	CZ	DK	DE	EE	IE	LV	LT	MT	NL	PL	UK
Avena strigosa				X		X					X
Oryza sativa	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Phalaris canariensis			X	X	X	X					X
Sorghum bicolor		X		X	X	X				X	X
Sorghum sudanense		X		X	X	X	X			X	X
Sorghum bicolor x Sorghum sudanense		X		X	X	X				X	X
Triticum spelta					X	X					
Zea mays						X					

IL-PARTI III

Id-Direttiva 68/193/KEE

	DK	EE	IE	LV	LT	NL	PL	FI	SE	UK
Vitis	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X

IL-PARTI IV

Id-Direttiva 1999/105/KE

	DK	EE	LT	MT	SI
Abies alba		X	X	X	
Abies cephalonica	X	X	X	X	
Abies grandis		X	X	X	
Abies pinsapo	X	X	X	X	X
Acer platanoides				X	
Acer pseudoplatanus		X	X	X	
Alnus glutinosa				X	
Alnus incana				X	
Betula pendula				X	
Betula pubescens				X	
Carpinus betulus		X		X	
Castanea sativa	X	X	X		
Cedrus atlantica	X	X	X	X	X

	DK	EE	LT	MT	SI
Cedrus libani	X	X	X	X	X
Fagus sylvatica		X		X	
Fraxinus angustifolia	X	X	X		
Fraxinus excelsior				X	
Larix decidua				X	
Larix x eurolepis				X	
Larix kaempferi				X	
Larix sibirica	X		X	X	X
Picea abies				X	
Picea sitchensis		X	X	X	X
Pinus brutia	X	X	X		X
Pinus canariensis	X	X	X		X
Pinus cembra	X	X	X	X	
Pinus contorta			X	X	X
Pinus halepensis	X	X	X		
Pinus leucodermis	X	X	X	X	X
Pinus nigra		X	X		
Pinus pinaster	X	X	X		
Pinus pinea	X	X	X		
Pinus radiata	X	X	X		X
Prunus avium		X			
Pseudotsuga menziesii			X		
Quercus cerris	X	X	X		
Quercis ilex	X	X	X		
Quercus petraea		X		X	
Quercus pubescens	X	X	X	X	
Quercus rubra				X	
Quercus suber	X	X	X		
Robinia pseudoacacia		X			
Tilia cordata				X	
Tilia platyphyllos		X		X	

IL-PARTI V

Id-Direttiva 2002/54/KE

	CY	MT
Beta vulgaris	X	X

IL-PARTI VI

Id-Direttiva 2002/55/KE

	IE	UK
Allium cepa — grupp aggregatum		X
Allium fistulosum		X
Allium sativum		X
Allium schoenoprasum		X
Anthriscus cerefolium	X	X
Asparagus officinalis	X	
Beta vulgaris	X	
Capsicum annuum		X
Cichorium intybus		X
Citrullus lanatus	X	X
Cucurbita maxima	X	
Cynara cardunculus	X	X
Foeniculum vulgare		X
Rheum rhabarbarum		X
Scorzonera hispanica	X	X
Solanum melongena		X
Valerianella locusta	X	X

IL-PARTI VII

Id-Direttiva 2002/57/KE

	CZ	DK	DE	EE	IE	CY	LV	LT	MT	NL	PL	UK
Arachis hypogea	X	X	X	X	X		X	X	X	X	X	X
Brassica rapa									X			
Brassica juncea					X		X		X			
Brassica napus									X			
Brassica nigra				X	X		X		X		X	

	CZ	DK	DE	EE	IE	CY	LV	LT	MT	NL	PL	UK
Cannabis sativa					X				X			
Carthamus tinctorius		X	X	X	X		X		X		X	X
Carum carvii			X		X				X			X
Gossypium spp.	X	X	X	X	X		X	X	X	X	X	X
Helianthus annuus		X		X	X		X		X			
Linum usitatissimum									X			
Papaver somniferum					X	X			X			X
Sinapis alba					X				X			
Glycine max		X			X				X			